MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2012

Numru 852/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Chanel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Chanel Vella ta’ 20 sena, bint Stephen u Claudia nee’ Agius, mwielda Pieta fis-27 ta’ Gunju 1992, residenti 13 Triq La Vallette, Birgu, ID 329992 (M).

Akkuzata talli fit-18 ta’ Awissu 2012 u fil-granet ta’ wara gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha oggett  misruq u cioe laptop tad-ditta Apple li l-valur tieghu jeccedi l-2329.37 Euro, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew jekk dan ser b’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor lit kun indahlet

biex tbieghhom jew tmexxiehom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

Wara li rat li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet kkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u kkonceditielha zmien bizzejjed biex terga tikkonsidra t-twegiba taghha terga lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fatt li huwa kkopert mal-pulizija, li l-fedina penali taghha hija netta u li l-imputata ghalkemm ta' eta zghira ma tahdimx.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hatja esprimiet r-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------